# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

## Rikors ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2010 — De Roos-Le Large vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-50/10)**

(2010/C 260/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Simone Thérèse De Roos-Le Large ('s Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: E. Lutjens u M. H. van Loon, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-każwa

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna lir-rikorrenti sabiex thallas lura l-ammont żejjed tal-pensjoni tas-superstiti li rċeviet ommha li hija mejta.

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla, abbażi tal-Artikolu 264 TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2010;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2010 — Allgeier vs FRA

**(Kawża F-58/10)**

(2010/C 260/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Timo Allgeier (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

*Konvenuta:* Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

### Suġġett

L-ewwel nett, l-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li ma tilqax l-ilment dwar fastidju mressaq mir-rikorrent. It-tieni nett, rikonoxximent li r-rikorrent kien vittma ta' fastidju min-naħa tas-superjuri tiegħu u, kumpens għal dannu materjali u morali subit.

### Talbiet tar-rikorrent

— l-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, tas-16 ta' Ottubru 2009, li tiċħad l-ilmenti tar-rikorrenti inkwantu ma tirrikonoxxix li huwa kien vittma ta' fastidju min-naħa ta' M u ta' A u, jekk neċessarju, l-annullament tad-deċiżjoni tas-6 ta' April 2010 li tiċħad l-ilment;

— ir-rikonoxximent li huwa kien vittma ta' fastidju min-naħa ta' M u ta' A u l-konsegwenzi dixxiplinari neċessarji; jew, sussidjarjament, (i) il-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva ġdida, xierqa, indipendenti u imparzjali bil-ħolqien ta' bord ta' esperti għat-twettiq tal-investigazzjoni amministrattiva u (ii) l-adozzjoni tal-miżuri neċessarji kollha sabiex ikun hemm investigazzjoni xierqa mingħajr ebda pressjoni jew inteferenzi;

— il-kumpens tal-fastidju psikoloġiku subit mir-rikorrent, li huwa provviżorjament ikkalkolat għal EUR 71 823,23;

— l-għoti ta' EUR 85 000 bħala kumpens għal fastidju psikoloġiku li jirriżulta mill-mod kif twettqet il-proċedura kollha u kif ittieħdet id-deċiżjoni;

— li FRA tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

---